MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ

# IS-SEBA' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 33/2017

L-Erbgħa 28 ta' Ġunju 2017

Il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq il-Knisja, fis-2.00 ta' wara nofsinhar.

PREŻENTI:

Is-Sur Nicky Saliba – Sindku
Chev Carmelo Saliba – Kunsillier
Is-Sinjura Sandra Grech – Kunsilliera
Is-Sinjura Maria Saliba – Chairperson Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Is-Sur Daniel Cordina – Viċi Sindku
Is-Sur Christian Cassar – Kunsillier

ASSENTI:

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Josianne Cassar – Deputat Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Nicky Saliba ippresjeda l-laqgħa.

### 33.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

33.1.1 Is-Sindku qal illi l-Viċi Sindku D Cordina u l-Kunsillier C Cassar kienu skużati u l-Kunsilliera preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġija.

### 33.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

33.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-nru. 32/07/2017 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

33.2.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li setgħa kien hemm għall-minuti.

33.2.3 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti u staqsa għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu. Minħabba li kien jidher li kulħadd kien favur, dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

### 33.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

33.3.1 Is-Sindku feraħ lill-Kunsilliera C Cassar u S Grech fir-rigward tar-rebħa elettorali. Huwa nsista li jibqa jinġibed ħabel wieħed.

33.3.2 Is-Sindku ddikjara li l-Kunsill ma kellux x'jaqsam mal-ħruq tan-nar li sar fl-inawgurazzjoni ta' tal-proġett Dawret tal-Virtut.

33.3.3 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi l-ex-Segretarju Eżekuttiv ma bagħtitx il-formola ffirmata tal-Melita li tikkonferma li m'għadhiex impjegata mal-Kunsill u b'hekk l-*account* jiġi trasferit fuq il-Kunsill u mhux fuqha personali kif inhu.

33.3.4 Is-Sindku ssuġġerixxa li tinxtara *fridge* żgħira għall-Uffiċju tal-Kunsill peress li fil-*ground floor* mhemmx. Il-Kunsill qabel.

### 33.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

33.4.1 Ma kienx hemm tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-kunsillieri.

## 33.5 Korrispondenza, Ilmenti u Suġġerimenti;

33.5.1 Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali bagħat korrispondenza bis-suġġett 'Re-launch of EloGE'.

33.5.2 *Il-Public Contracts Review Board* informa lill-Kunsill illi l-appell tal-offerta nru. 04/2017 tat-tindif u żamma tal-ġonna inqata favur il-Kunsill. Għaldaqstant il-Bord iddeċieda li l-offerta għandha terġa toħroġ mill-ġdid u l-flus li ħallas l-appellant mhumiex rifondibbli. Il-Kunsill qabel illi jerġa joħroġ l-offerta.

33.5.3 Dwar ix-xogħol li sar in konnessjoni ma l-offerta nru. 04/2017 fejn ingħata *direct order* sabiex isir iż-żbir tas-siġar fil-*promenade* ta' Marsalforn id-Dipartiment bagħat korrispondenza dwar ilment anonimu. Il-Kunsill qabel illi ma kiser l-ebda liġi peress li qed jadotta l-*policy* li ittri anonimi ma jiġux ikkunsidrati.

33.5.4

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill illi l-applikazzjoni tal-*Europe for Citizens – Town Twinning* ġiet aċċettata. Il-fondi li jingħataw lill-Kunsill għal din l-applikazzjoni huma sa massimu ta' €7500. Id-Deputat ġibdet għall-attenzjoni tal-membri li minn 482 applikazzjoni li saru, 134 biss ġew magħżula fosthom din tal-Kunsill tagħna. Iċ-Chairperson tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn rrimarkat illi l-Kumitat jinsab urtat għall-fatt li mhux ikun involut fil-ġemellaġġ. Is-Sindku wieġeb illi l-ġemellaġġ huwa tal-Kunsill taż-Żebbuġ.

33.5.5

| **Applikazzjonijiet għall-permess tal-Kunsill Lokali** | **Deċiżjoni meħuda mill-Kunsill Lokali** |
|---|---|
| Għaqda Żgħażagħ La Stella Għal attivita` soċjali nhar il-Ġimgħa 30 ta' Ġunju 2017 fix-Xwejni. | Approvata. |
| George Borg | Approvata. |

33.5.6 Għal attivita` soċjali nhar is-Sibt 26 t'Awwissu 2017 fix-Xwejni.

33.5.7 Ilment 25/2017 – is-Sinjura L Axiaq
Issuġġeriet li ssir tabella fuq arblu f'tarf l-isqaq fi Triq Għajn Mhelhel bit-*timetable* tal-*waste collection*. Il-Kunsill ma qabilx għax mhix proċedura tiegħu.

33.5.8 Ilment 26/2017 – is-Sur D William Treble
Ilmenta li għandha terġa ssir *hanger* taż-żibel fi Triq il-Lampuka għaliex hemm problema ta' qtates iqattgħu ż-żibel. Il-Kunsill qabel li titwaħħal mill-ħaddiema tal-Kunsill.

33.5.9 Ilment 27/2017 – Chev C Saliba
Ix-xelters fid-daħla tar-raħal jitnaddfu u jiġu rranġati u attrezzati bi dwal artifiċjali. Il-Kunsill qabel.

33.5.10 Ilment 28/2017 – is-Sur J Camilleri
Ilmenta biex jinqata l-ħaxix fi Triq Ta' Ċikku u ssir bil-konkos kif żmien ilu kienet ġiet approvata mill-Kunsill. Il-Kunsill qabel illi l-ħaxix jinqata mill-ħaddiema tal-Kunsill u illi jitlob stima lill-Perit sabiex ikun jista jsir il-konkos.

33.5.11 Ilment 29/2017 – is-Sinjorina A Cini
Talbet sabiex jitnaddaf passaġġ mill-iskart u t-tafal li hemm fi Triq is-Sellum. Il-Kunsill qabel illi dan ix-xogħol isir mill-ħaddiema tal-Kunsill.

33.5.12 Ilment 30/2017 – is-Sinjura M Zammit
Talbet sabiex isir *resurfacing* ta' Triq Għajn Mhelhel mill-bini 'l isfel. It-toroq ser isiru mill-Gvern Ċentrali.

33.5.13 Ilment 31/2017 – is-Sur L Mintoff
Ilmenta biex fis-sajf il-borża s-sewda tinġabar ta' l-anqas kuljum. Il-Kunsill ħa nota ta' dan l-ilment.

33.5.14 Ilment 32/2017 – is-Sinjura B Pace
Talbet biex iċ-ċagħak iż-żgħir li hemm bejn il-blat ħdejn iċ-ċint tas-siment jitneħħa. Il-Kunsill ħa nota u ser jiċċekkja jekk dan jistax isir.

33.5.15 Ilment 33/2017 – is-Sur J Camilleri
Biex Triq ta' Ċikku ssir bil-konkos. Dan ġie trattat fl-ilment nru.28/2017.

Ilment 34/2017 – is-Sur V Agius
33.5.16 Talab biex jinqata' l-ħaxix fi Triq ta' Tutiet u mill-Ħofra tat-Torok 'l fuq. Il-Kunsill qabel illi dan ix-xogħol isir mill-ħaddiema tal-Kunsill.

Ilment 35/2017 – is-Sindku
33.5.17 Talab biex isir traqqiegħ bil-konkos fix-Xwejni l-parti ta' taħt il-Qolla l-Bajda. Il-Kunsill qabel illi dan ix-xogħol isir mill-ħaddiema tal-Kunsill.

Ilment 36/2017 – il-Viċi Sindku

- Jinqata' l-qasab ta' Triq iż-Żebbuġ;
- Jinġabar il-ħaxix ta' Triq Għajn Mhelhel;
- 33.5.18 Jinġabru boroż suwed minn taħt is-sies fi Triq Għajn Quċċat.

Il-Kunsill qabel.

Ilment 37/2017 – is-Sur C Chircop
33.5.19 Talab sabiex tinżabar ħarruba fi Triq ta' Tutiet. Il-Kunsill qabel illi jiċċekkja mal-Perit jekk dan ix-xogħol jistax isir.

33.5.20 Is-Sur Carmel Saliba bagħat korrispondenza dwar il-ħamsin anniversarju mit-traġedja tan-nar li seħħet fiż-Żebbuġ. Chev C Saliba qal ili ma nistgħux nikkommemoraw atteġġjament illegali fejn anke spiċċaw nies il-ħabs. Il-Kunsill qabel.

33.5.21 Il-Kunsill qabel illi jorganizza t-tiġrijiet tradizzjonali taż-żwiemel fid-19 t'Awwissu 2017 fl-okkażżjoni tal-festa.

**33.6** Il-Kunsill qabel ukoll illi jerġgħu jsiru l-korsijiet ta' tagħlim matul ix-xhur tas-Sajf. Sar qbil ukoll illi din is-sena jsir kors ġdid ta' *cake decorating*.

33.6.1

**Aġġudikazzjoniet sejħiet għall-offerti:**

**Tiswija tal-moll fix-Xwejni;**
**Manutenzjoni tal-*pitch* tal-futbol biswit l-Iskola Primarja;**
Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill illi l-Bord iltaqa biex jiddiskuti dawn l-offerti, peress li ż-żewġ offerti li kienu *compliant* qabżu l-

*budget* il-Bord talab lill-Kunsill jekk il-*budget* allokat hux ser jiżdied. Il-Kunsill

**33.7** qabel li l-*budget* jiżdied in konsiderazzjoni tan-natura urġenti tax-xogħlijiet. Din id-deċiżjoni ser tiġi mgħoddija lill-Bord.

33.7.1

**Ittra ta' direzzjoni mill-Awdituri u r-risposta tal-Kunsill;**

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-ittra ta' direzzjoni mill-Awdituri fejn ġew immarkati xi nuqqasijiet. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ippreżentat risposta ssuġġerita li għandha tintbagħat lill-awdituri. Il-Kunsill qabel mar-

**33.8** risposta.

33.8.1 **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv;**

Il-minuti tal-laqgħa bin-nru. KAM25/2017 tat-Tlieta 28 ta' Marzu 2017 u l-laqgħa bin-nru KAM26/2017 tal-Erbgħa 31 ta' Mejju 2017 tal-Kumitat

**33.9** Amministrattiv għal Marsalforn ittieħdu bħala approvati mill-Kunsill.

33.9.1

**Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-iskeda tal-pagamenti;**

Skeda tal-ħlasijiet bin-nru. 24/2017 – DOK A għall-perijodu bejn il-13 ta' Mejju 2017 u s-26 ta' Ġunju 2017 li tammonta għal €62,222.88 kienet approvata u

**33.10** ffirmata.

33.10.1

**Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fit-3.30 ta' wara nofsinhar u ġiet aġġornata għall-Erbgħa 31 ta' Lulju 2017 fis-6.30 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum l-Erbgħa 31 ta' Lulju 2017.

**Nicky Saliba** — **Josianne Cassar**

Sindku — Deputat Segretarju Eżekuttiv